MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2003

Numru. 186/2000
Kawza Numru. 6

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Loreta Xuereb ta' 38 sena, mart Salvu bint Salvu Haber u M'Gwann xebba Attard li toqghod 'God Bless the Sea', Garden Street, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 53860 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli nhar it-28 ta' Mejju 1999 ghall-habta tas-7:20 a.m., fi Triq Mgarr, Ghansielem, Ghawdex, ( 1) saqet karozza Nru GAI 874 b'manjiera traskurata u perikoluza, (2) aktar talli meta kienet issuq l-imsemmija karozza, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqtet u xehtet ma' l-art lil Theresa Sonia Maria Bencinic minn Ghajnsielem u kkagunatilha feriti ta' natura

hafifa salva kumplikazzjonijiet skond kif iccertifika Dr Patrick Sciberras M.D. ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex, (3) aktar talli b'konsegwenza ta' l-istess incident, ikkagunat hsara fuq il-karozza Nru GAI 874 b'detriment ghal zewgha Salvu Xuereb.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill Loreta Xuereb milli zzomm licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh fi Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex fil-parti tal-witgha wara li titla' mit-tela tax-Xatt. L-imputata kienet qed issuq fid-direzzjoni tar-Rabat meta tajjret lil Theres Sonia Maria Bencinic. Pertinenti hafna huma diversi kostatazzjonijiet li ghamlu l-esperti mahtura biex jghinu lill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta tieghu. Il-vettura ta' l-imputata spiccat bir-roti tal-lemin fuq id-double white line li kien kontinwu b'mod illi parti mir-roti kienu fuq il-kareggjata taghha u parti jinvadu l-kareggjata opposta. Il-vizwali kienet wahda adegwata u l-area hija "built up area". Brakemarks ma nstabux fuq il-post. Il-verzjoni tal-vittma hija wahda li ghandha tkun skartata, Fl-ewwel lok dan gia kien il-kumment ta' l-espert legali fl-inkjesta stante li dak li qalet bl-ebda mod ma jaghmel sens tenut kont tal-fatti tangibbli ta' l-incidenti. Il-vittma tghid li l-imputata baqghet hierga minn fuq Stop sign u qalghet vettura stazzjonarja meta fil-verita` l-imputata kienet ghaddejja mill-main road u mhux hierga minn side road. Oltre dak li qalet fl-inkjesta, il-vittma baqghet telabora b'mod kontradittorju quddiem din il-Qorti u ghalhekk il-verzjoni taghha ghandha tkun skartata. Hi xehdet ukoll li kellha diversi ksur fl-ghadam u ikollha tuza l-wheelchair meta fil-fatt subiet griehi hfief konsistenti fi grif.

L-imputata xehdet illi kienet tiela minn Mgarr Road, ta' quddiemha xeghel l-indicator biex idur fuq il-lemin, meta ipprocediet sabet lill-anzjana quddiemha u tajritha.

Il-Qorti ma taqbilx mall-konstatazzjonijiet ta' l-espert legali illi l-karozza sofriet hsarat estensivi. Dan hu evidenti sia mir-ritratti esebiti kif ukoll mid-dikjarazzjoni tal-perit tekniku illi l-hsarat jammontaw ghal mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) u konsistenti f'tatina fuq il-bonnet u ohra fuq il-mudguard oltre ksur tal-fanal tal-lemin fuq quddiem. Huwa minnu illi l-imputata ma kellha xejn x'jostakolalha l-vizta taghha u fil-pozizzjoni li kienet kien messha toqghod hafna aktar attenta specjalment f'"built area" fejn tistenna li xi persuna tkun qed taqsam it-triq.

Ghalhekk issib lill-imputata hatja ta' l-ewwel akkuza. Dwar it-tieni u t-tielet akkuzi, stante li dawn jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza u stante li din il-kwerela ma kienetx prodotta, oltre l-fatt li ma ngiebet ebda prova fuq it-tielet akkuza ma ssibhiex hatja u tilliberaha minnhom.

Rat l-artikolu 15 (1) tal-Kap 65;

Tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ta' tletin lira Maltin (Lm30).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**